



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0429/2023**

11.12.2023

# **RAPPORT**

dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-parlamenti  
nazzjonali  
(2023/2084(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: Paulo Rangel

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET .....	3
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	7
ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	8
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	17
VOTAZZJONI FINALI B' SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	18

## NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

### Introduzzjoni

14-il sena wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO) qies li kien hemm il-ħtieġa li jfassal rapport ta' implimentazzjoni fuq inizjattiva proprja sabiex jivvaluta "L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw il-parlamenti nazzjonali".

L-għan tar-rapport huwa dak li jevalwa l-użu tal-mekkaniżmi attwali għall-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess politiku Ewropew u fil-perspettivi futuri tal-iżvilupp tiegħu. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, ir-rapport imbagħad jikkunsidra t-titjib possibbli f'dawk il-mekkaniżmi, sabiex il-parlamenti nazzjonali jinġiebu aktar qrib il-proċess ta' integrazzjoni fl-intier tiegħu. Jikkunsidra d-dibattiti u r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-approvazzjoni tar-rapport ta' implimentazzjoni preċedenti, bħall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u t-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti".

### **I. Il-funzjoni primarja tal-parlamenti nazzjonali: l-iskrutinju tal-politika Ewropea billi jingħata mandat lill-gvernijiet tagħhom stess, irrappreżentati fil-Kunsill u fil-Kunsill Ewropew.**

It-Trattat ta' Liżbona sar magħruf bħala t-Trattat tal-Parlamenti, preċiżament minħabba li żied b'mod konsiderevoli s-setgħat tal-Parlament Ewropew, filwaqt li rrikonoxxa r-rwol kostituzzjonali tal-parlamenti nazzjonali fil-qafas Ewropew. Dawn issa għandhom rwol essenzjali fl-iżguraw tal-leġittimità demokratika tal-Unjoni, fil-promozzjoni tal-pluraliżmu u d-diversità tagħha u fl-għoti tal-funzjonament kostituzzjonali tagħha.

Il-parlamenti nazzjonali huma meqjusa - minn atturi politiċi fil-livelli varji ta' governanza u minn riċerkaturi bl-istess mod - bħala atturi importanti li jikkontribwixxu għat-tiġid tal-bażi demokratika tal-proġett tal-UE. B'mod partikolari, il-parteċipazzjoni attiva tal-parlamenti nazzjonali fl-affarijiet tal-UE u l-iskrutinju msaħħaħ tal-gvernijiet nazzjonali mill-parlamenti nazzjonali huma essenzjali sabiex jiġu żgurati r-responsabbiltà demokratika u l-leġittimità tas-sistema istituzzjonali tal-UE. Madankollu, minkejja l-inklużjoni tal-parlamenti nazzjonali fit-test tat-Trattati, il-kapaċità tagħhom li jaġixxu fl-affarijiet tal-UE għadha tista' tittejjeb. Il-parlamenti nazzjonali huma lesti li jkollhom rwol aktar attiv fl-affarijiet tal-UE billi jkunu involuti aktar mill-qrib fis-sustanza tal-politiki u fil-leġiżlazzjoni tal-UE, aktar milli fi kwistjonijiet ta' sussidjarjetà biss. Qed jintensifikaw id-diskussjonijiet dwar il-possibbiltà li l-parlamenti nazzjonali jingħataw l-opportunità biex jintervjenu matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-funzjonament demokratiku tal-istituzzjonijiet jimplika l-kapaċità li daww li jieħdu d-deċiżjonijiet jinżammu responsabbli. F'dan ir-rigward, is-sistema istituzzjonali Ewropea għandha partikolarità: il-Kunsill tal-Unjoni, bħala koleġiżlatur, jappartjeni kemm għall-fergħa leġiżlattiva, kif ukoll għall-fergħa eżekuttiva, bħala istituzzjoni magħmula minn eżekuttivi nazzjonali. Din in-natura ibrida tikkomplicha l-kontroll politiku li jista' jiġi eżerċitat fuqha, peress li l-prerogattivi tal-Parlament Ewropew huma limitati. F'dan il-kuntest, il-parlamenti nazzjonali għandhom rwol essenzjali biex jiżguraw il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni, bis-saħħa tal-kontroll li jeżerċitaw fuq il-politika Ewropea tal-gvernijiet nazzjonali tagħhom, kif inhu stipulat fit-Trattat.

Madankollu, dan il-kontroll huwa diffiċli minħabba n-nuqqas ta' trasparenza tal-ħidma tal-Kunsill, li minkejja xi titjib, baqgħet l-istess. L-aċċess għall-informazzjoni, li huwa prerekwiżit għall-eżerċizzju ta' kontroll politiku fuq il-gvern nazzjonali, huwa naturalment u fuq kollox kwistjoni ta' regoli u prattiki nazzjonali, li jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor. Madankollu, jistgħu jiġu promossi regoli minimi komuni biex tiġi żgurata trasparenza akbar tal-ħidma tal-Kunsill vis-à-vis il-parlamenti nazzjonali. B'mod partikolari, din it-trasparenza għandha tapplika għall-voti nazzjonali fil-Kunsill, li għandhom ikunu pubbliċi, u preferibbilment għal-laqgħat tal-Kunsill, li għandhom ikunu pubbliċi fil-futur. Tabilħaqq, il-monitoraġġ tal-azzjoni u tar-rekord tal-votazzjoni tal-Istati Membri fil-Kunsill ikun l-aktar mod effettiv biex il-parlamenti nazzjonali jeżerċitaw skrutinju xieraq fuq il-politika Ewropea tal-gvernijiet tagħhom.

## **II. Il-kontribut kostituzzjonali speċifiku tal-parlamenti nazzjonali għal-livell Ewropew: il-ħolqien ta' sfera politika Ewropea**

Jekk it-Trattat ta' Liżbona jappella għal relazzjoni aktar stretta bejn il-parlamenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet Ewropej, dan huwa naturalment minħabba li huwa mistenni kontribut speċifiku tagħhom li jmur lil hinn minn dak li l-eżekuttivi tiegħu jagħtu permezz tal-vuċi u l-vot tagħhom fil-Kunsill u fil-Kunsill Ewropew. Hemm verament *differentia specifica* kostituzzjonali bejn il-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali fil-ħajja Ewropea u l-parteċipazzjoni tal-gvernijiet nazzjonali fil-Kunsill u l-Kunsill Ewropew imsemmija hawn fuq. Filwaqt li l-gvernijiet jirrappreżentaw pożizzjoni politika unika, riflessa fl-indiviżibbiltà tal-vot tagħhom, il-parlamenti nazzjonali huma preċiżament l-espressjoni tal-pluralità u d-diversità interna (mingħajr preġudizzju għall-konformità stretta mar-rieda tal-maġġoranza espressa fihom). Il-kontribut speċifiku li l-parlamenti nazzjonali jistgħu jagħtu fil-livell Ewropew hija preċiżament din id-diversità ta' viżjonijiet nazzjonali (rappreżentati b'mod proporzjonali). Madankollu, ma sarx wisq biex tinġibed l-attenzjoni għall-funzjoni kostituzzjonali insostitwibbli tal-parlamenti nazzjonali fil-ħajja Ewropea. Din tal-aħħar tikkontribwixxi b'mod qawwi għall-istabbiliment ta' spazju politiku Ewropew veru u sfera pubblika awtentika vera. Fil-fatt, pożizzjonijiet ta' minoranza f'parlament nazzjonali jistgħu jaqblu ma' pożizzjoni ta' maġġoranza f'ieħor, u l-interazzjoni bejniethom tirrifletti l-ħolqien ta' arena politika Ewropea. Fost l-oħrajn, ir-rapport għandu l-għan li jnaqqas din id-disparità, l-ewwel nett, bl-inkoraġġiment b'mod qawwi tar-rappreżentanza tal-pluralità interna mid-delegazzjonijiet tal-parlamenti nazzjonali, fl-avvenimenti konġunti kollha tagħhom, u b'mod konformi mal-proporzjonijiet tal-gruppi politiċi; it-tieni, billi l-gruppi ta' minoranza li jirrappreżentaw pożizzjoni ta' minoranza jiġu permessi jżidu l-opinjoni kuntrarji tagħhom mal-opinjoni motivati, mingħajr ma jimminaw l-impenn tal-opinjoni adottati mar-rieda tal-maġġoranza.

## **III. Il-mira ta' kooperazzjoni interistituzzjonali sħiħa: l-iżvilupp tal-isfera politika Ewropea**

Il-ħolqien ta' arena politika Ewropea huwa ovvjament imsaħħaħ mir-rinfurzar tat-tipi ta' inizjattivi kollha li diġà huma fis-seħħ. Fil-fatt, il-kooperazzjoni kontinwa bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-parlamenti nazzjonali ttejjbet b'mod konsiderevoli matul l-aħħar deċennju.

Filwaqt li din il-kooperazzjoni hija marbuta mill-qrib mad-djalogu bejn l-istess fergħat leġislattivi nazzjonali, għad hemm lok għal titjib. L-ewwel u qabel kollox, għandhom isiru

sforzi biex jiġi ssimplifikat il-qafas attwali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-parlamenti nazzjonali, inkluża l-Konferenza tal-Ispeakers tal-Parlamenti tal-UE, il-COSAC, l-IPC dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE, il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Europol, il-laqgħat interparlamentari tal-kumitat u l-laqgħat parlamentari konġunti, fost ħafna oħrajn. L-iżvilupp ta' approċċ ibbażat fuq kumitat ikun ta' benefiċċju kbir f'dan ir-rigward.

Koordinazzjoni u organizzazzjoni aħjar tal-kooperazzjoni interparlamentari fir-rigward tal-ħin u l-kontenut hija meħtieġa biex tiġi evitata l-għeja fil-kooperazzjoni interparlamentari. Barra minn hekk, hija meħtieġa kooperazzjoni aħjar fost il-parlamenti/kmamar nazzjonali nfushom sabiex ikunu jistgħu jesploraw il-mekkaniżmi eżistenti biex jeżerċitaw influwenza fuq l-affarijiet tal-UE. Approċċ ibbażat fuq il-kumitat għall-kooperazzjoni interparlamentari jidher li huwa preferut.

“Ġimgħa Ewropea”, li tista' ssir fl-istess ħin fis-27 parlament nazzjonali u li għaliha għandhom jattendu l-Kummissarji, il-Membri tal-Parlament Ewropew u l-ministri tal-presidenza tal-Kunsill attwali, li jiddibattu l-affarijiet Ewropej mal-parlamentari nazzjonali u, fejn xieraq, ma' dawk reġjonali, għandha tiġi organizzata. Il-“Ġimgħa Ewropea” tkun tinvolvi, għal darb'oħra mingħajr ma tipperikola l-prerogattiva sovrana ta' kull parlament, riforma tar-“regoli ta' proċedura” tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew.

#### **IV. Ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fir-rigward tal-kontroll tas-sussidjarjetà**

Konxji li din hija waħda mis-setgħat kostituzzjonali l-aktar importanti tagħhom, il-parlamenti nazzjonali huma unanimi fl-evalwazzjoni tagħhom ta' ċertu kontroll fil-funzjonament tas-Sistema ta' Twissija Bikrija (STB), li tista' tattiva l-proċeduri tal-“karta safra” jew tal-“karta oranġjo”.

L-opinjoni jiet motivati mressqa mill-parlamenti nazzjonali ma jidhirx li naqqsu jew waqqfu l-proċessi leġislattivi tal-UE, prinċipalment minħabba li dawn l-opinjoni jiet għandhom jiġu ppreżentati fi żmien tmien ġimgħat mill-mument li l-Kummissjoni tkun ressqet il-proposta leġislattiva tagħha. Madankollu, din l-iskadenza hija fattur limitanti li jiskoraġġixxi lill-parlamenti nazzjonali milli jissottomettu opinjoni jiet motivati u għalhekk hija meqjusa insuffiċjenti mill-atturi ewlenin kollha fil-proċess, b'mod partikolari minħabba d-dewmien fit-trażmissjoni ta' elementi individwali ta' pakketti leġislattivi kumplessi lill-parlamenti nazzjonali u perjodi ta' vaganzi komuni meta l-biċċa l-kbira tal-parlamenti nazzjonali ma jiltaqgħux. Madankollu, ma tistax tinbidel mingħajr ma jkun hemm bidla fit-Trattat. Ir-rapport ta' implimentazzjoni preċedenti ppropona l-implimentazzjoni ta' perjodu ta' notifika teknika, li *de facto* jżid il-perjodu ta' tmien ġimgħat. Konsegwentement, bħala miżura ta' mitigazzjoni, mill-2019, il-Kummissjoni bdiet teskludi l-perjodu tal-festi tal-aħħar tas-sena meta stabbiliet il-perjodu ta' tmien ġimgħat biex il-parlamenti nazzjonali jibagħtu opinjoni jiet motivati. Madankollu, fil-qafas tad-diskussjoni jiet dwar bidliet possibbli fit-Trattat, trid tiġi kkunsidrata estensjoni tal-iskadenza, kif mitluba mill-parlamenti nazzjonali.

Il-parlamenti nazzjonali u l-istituzzjoni jiet Ewropej jidhru li jinterpretaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà b'mod differenti, u dan jista' jkollu ċertu impatt fuq l-implimentazzjoni tal-STB, peress li jnaqqas l-effettività tagħha. Din ir-realtà tqieset ukoll fir-rakkomandazzjoni jiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (CoFoE), li pproponiet ideat differenti. Għalhekk, l-iżvilupp ta' fehim komuni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jiġbor il-kriterji li jinsabu fil-

Protokoll dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità oriġinarjament meħmuż mat-Trattat ta' Amsterdam, il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, kif ukoll il-prattika tal-Kummissjoni stess, jgħinu biex tizzied iċ-ċarezza dwar l-applikabbiltà u l-valutazzjoni tal-prinċipju. Dan il-fehim komuni jista' jipprova wkoll jindirizza d-distinzjoni bejn is-sussidjarjetà *stricto sensu* u *lato sensu*, din tal-aħħar tinkludi wkoll l-għoti u l-proporzjonalità, billi tevita viżjoni apertament restrittiva tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Proċedura ta' "karta ħadra", indirizzata fir-rapport tal-2018, ġiet diskussa bl-istess mod fil-CoFoE, li fil-miżura 40(2) issuġġeriet li l-parlamenti nazzjonali (u l-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi) għandhom "jinghamaw il-possibbiltà li jissuġġerixxu inizjattiva leġiżlattiva fil-livell Ewropew". Din il-miżura tal-CoFoE tkun teħtieġ reviżjoni tat-Trattat. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tagħhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea, għandu jiġi enfasizzat li l-parlamenti nazzjonali ma jiffurmawx "it-tielet kamra" fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni u, għalhekk, m'għandhomx jinghamaw dritt dirett ta' inizjattiva. Kif ġie ċċarat fir-rapport ta' implimentazzjoni preċedenti, innovazzjoni bħal din huwa meħtieġ li jkollha tliet limiti: ma tistax tkun inizjattiva leġiżlattiva vera, peress li dan huwa dritt esklussivament riżervat għall-Kummissjoni (la l-Parlament u lanqas il-Kunsill ma jistgħu, għalissa, ifasslu leġiżlazzjoni, għalkemm kwalunkwe reviżjoni futura tat-Trattat għandha tagħti lill-Parlament Ewropew id-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva); ma tistax tintuża fir-rigward tar-revoka tal-liġi eżistenti tal-UE peress li kieku taġixxi bħala karta ħamra inversa u, fl-aħħarnett, m'għandha tinkorpora l-ebda dritt li temenda l-leġiżlazzjoni Ewropea (li tuża s-setgħat assenjati lill-PE u lill-Kunsill mit-Trattati). L-idea hija, għalhekk, ta' min ifaħħarha ħafna, billi tirrifletti fehim tajjeb tas-sussidjarjetà, sal-punt li tfisser li l-parlamenti nazzjonali jirrikonoxxu li xi kwistjonijiet huma ta' kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Jekk kompletament operattiva, tkun dritt ta' proposta jew suġġeriment li, simili għal mekkaniżmi paralleli, jekk numru minimu ta' parlamenti nazzjonali jappoġġjaw tali inizjattiva, tista' twassal għall-obbligu li tingħata tweġiba motivata mill-Kummissjoni f'każ ta' rifjut. Barra minn hekk, l-inizjattiva l-ewwel għandha tikseb l-appoġġ tal-Parlament Ewropew.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-parlamenti nazzjonali (2023/2084(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikolu 5 dwar l-għoti tal-kompetenzi u s-sussidjarjetà, l-Artikolu 10(1) dwar id-demokrazija rappreżentattiva, l-Artikolu 10(2) dwar ir-rappreżentanza taċ-ċittadini tal-UE, l-Artikolu 10(3) dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, l-Artikolu 10(4) dwar ir-rwol tal-partiti politiċi Ewropej, l-Artikolu 11 dwar id-demokrazija parteċipattiva, l-Artikolu 12 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali, l-Artikolu 48(3) dwar il-proċedura ta' reviżjoni ordinarja u l-Artikolu 48(7) (klawżola passerelle) tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea<sup>1</sup> anness mat-Trattat ta' Amsterdam u l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità<sup>2</sup> anness mat-Trattat ta' Liżbona,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikoli 41 u 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009 dwar l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali taħt it-Trattat ta' Liżbona<sup>3</sup>, tas-16 ta' April 2014 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali<sup>4</sup> u tad-19 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw il-parlamenti nazzjonali<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (COM(2012)0734),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u dwar ir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali għall-2018 tal-11 ta' Lulju 2019 (COM(2019)0333), għall-2019 tat-30 ta' Ġunju 2020 (COM(2020)0272), għall-2020 tat-23 ta' Lulju 2021 (COM(2021)0417) u għall-2021 tal-1 ta' Awissu 2022 (COM(2022)0366),
- wara li kkunsidra r-rapporti annwali tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali tal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari r-rapport tal-2022 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tal-UE,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-20 ta' Jannar 2021 dwar il-monitoraġġ tal-

<sup>1</sup> ĠU C 202, 7.6.2016, p. 203.

<sup>2</sup> ĠU C 115, 9.5.2008, p. 206.

<sup>3</sup> ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 94.

<sup>4</sup> ĠU C 443, 22.12.2017, p.40.

<sup>5</sup> ĠU C 390, 18.11.2019, p. 121.



applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-2017, fl-2018 u fl-2019<sup>6</sup> u tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021<sup>7</sup>,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar l-idoneità regolatorja tal-Unjoni Ewropea u s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità – rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-snin 2017, 2018 u 2019<sup>8</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li “Isir inqas b’mod iktar effiċjenti” tal-10 ta’ Lulju 2018 intitolat “Sussidjarjetà attiva – mod ġdid ta’ ħidma”<sup>9</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta’ Jannar 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew rigward il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa<sup>10</sup> u tal-4 ta’ Mejju 2022 dwar is-segwitu għall-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa<sup>11</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta’ Ġunju 2022 dwar it-talba biex titlaqqa’ Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati<sup>12</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-22 ta’ Novembru 2023 dwar proposti tal-Parlament Ewropew għar-reviżjoni tat-Trattati<sup>13</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG), li jstabbilixxi l-organizzazzjoni ta’ konferenzi interparlamentari għall-finijiet tad-diskussjoni tal-politiki baġitarji u kwistjonijiet oħra koperti mit-Trattat,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Marzu 2023 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika 2023<sup>14</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza wara l-Konferenza tal-Ispeakers tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea li saret fi Praga fl-24 u l-25 ta’ April 2023<sup>15</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Laqgħa Plenarja tal-LXIX Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni (COSAC) li saret fi Stokkolma fl-14-16 ta’ Mejju 2023<sup>16</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Léon dwar il-parlamentariżmu adottata fil-Konferenza għall-Kommemorazzjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Parlamentariżmu: it-Tisħiħ tal-Parlamenti għat-Tisħiħ tad-Demokrazija, li saret f’Léon bejn it-30 ta’ Ġunju u

---

<sup>6</sup> ĠU C 456, 10.11.2021, p. 56.

<sup>7</sup> ĠU C 479, 16.12.2022, p. 18.

<sup>8</sup> ĠU C 81, 18.2.2022, p. 74.

<sup>9</sup> Sussidjarjetà attiva – mod ġdid ta’ ħidma, [rapport](#) tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li “Isir inqas b’mod iktar effiċjenti”, 10 ta’ Lulju 2018.

<sup>10</sup> ĠU C 270, 7.7.2021, p. 71.

<sup>11</sup> ĠU C 465, 6.12.2022, p. 109.

<sup>12</sup> ĠU C 493, 27.12.2022, p. 130.

<sup>13</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0427.

<sup>14</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0078.

<sup>15</sup> <https://parleu2022.cz/wp-content/uploads/2023/04/EUSC-Prague-Presidency-Conclusions-final-EN-1.pdf>.

<sup>16</sup> [https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/download/file/8a8629a88827df1e018828991e660000/Contribution adopted by the LXIX COSAC.pdf](https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/download/file/8a8629a88827df1e018828991e660000/Contribution%20adopted%20by%20the%20LXIX%20COSAC.pdf).

l-1 ta' Lulju 2023<sup>17</sup>,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Prezidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tfassil ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0429/2023),
- A. billi l-parteċipazzjoni attiva tal-parlamenti nazzjonali fl-affarijiet Ewropej u l-iskrutinju msaħħaħ tal-gvernijiet nazzjonali mill-parlamenti nazzjonali huma strumentali biex jiġu żgurati r-responsabbiltà demokratika u l-leġittimità tas-sistema istituzzjonali tal-UE;
  - B. billi l-parlamenti nazzjonali “jikkontribwixxu attivament għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni” (l-Artikolu 12 tat-TUE) u flimkien mal-Parlament Ewropew rwol essenzjali fit-tiħiħ tal-leġittimità demokratika tal-proġett tal-UE, it-trawwim tal-fiduċja taċ-ċittadini u l-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-proġett Ewropew;
  - C. billi l-għodod attwali għall-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali fl-affarijiet Ewropej fil-biċċa l-kbira mhumiex magħrufa, kemm fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kif ukoll il-pubbliku ġenerali; billi hemm bżonn li titqajjem kuxjenza dwar dawn l-għodod;
  - D. billi l-obbligu ta' rendikont u l-iskrutinju parlamentari tal-gvernijiet nazzjonali fi ħdan il-qafas tal-affarijiet Ewropej, li jiddependu fuq prattiki nazzjonali individwali, huma l-pedament tar-rwol tal-parlamenti nazzjonali fil-qafas attwali tat-Trattat Ewropew;
  - E. billi dan l-obbligu ta' rendikont u dan l-iskrutinju jistgħu jiġu ffaċilitati permezz ta' aktar trasparenza fil-Kunsill, speċjalment fir-rigward tar-rekord tal-votazzjoni u l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri; billi l-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew għandhom iżidu l-persjoni fuq il-Kunsill biex jaġixxi b'mod aktar trasparenti u jaderixxi aktar mal-obbligu ta' rendikont matul il-proċess leġislattiv kollu; billi, barra minn hekk, l-aċċess għad-dokumenti ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE jippermetti lill-parlamenti nazzjonali jeżerċitaw skrutinju kif xieraq;
  - F. billi nuqqas ta' trasparenza fil-proċessi leġislattivi u deċiżjonali tal-UE jgħib miegħu r-riskju li jimmina kemm il-prerogattivi tal-parlamenti nazzjonali taħt it-Trattati u l-Protokollu rilevanti kif ukoll, b'mod partikolari, ir-rwol tagħhom fl-iskrutinju tal-gvernijiet nazzjonali tagħhom kif rappreżentati fil-Kunsill;
  - G. billi l-pluraliżmu parlamentari jarrikkixxi d-dibattitu fil-livell Ewropew u għalhekk huwa ta' benefiċċju kbir għall-Unjoni u għar-rappreżentanza tal-minoranzi parlamentari fl-affarijiet Ewropej u jgħin biex jikkontrobalanċja l-maġġoranzi f'kull parlament filwaqt li jirrispettahom bis-siħi u skont il-proporzjonijiet tagħhom; billi l-fehmiet u r-rappreżentanza tal-minoranzi parlamentari nazzjonali għandhom jitqiesu fil-livell tal-UE u jistgħu jkunu utli, fost l-oħrajn, fi proċess futur għar-reviżjoni tat-Trattati tal-UE, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-parlamenti nazzjonali fir-rigward tar-rappreżentanza tagħhom;

---

<sup>17</sup> [https://www.congreso.es/backoffice\\_doc/prensa/notas\\_prensa/99181\\_1688138271277.pdf](https://www.congreso.es/backoffice_doc/prensa/notas_prensa/99181_1688138271277.pdf).

- H. billi l-Protokoll Nru 2 (l-Artikolu 6) jirrikonoxxi li l-parlamenti nazzjonali jistgħu jikkonsultaw lill-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi, iżda r-rwol tal-parlamenti reġjonali jiddependi fil-biċċa l-kbira fuq l-arranġamenti nazzjonali u ħafna drabi jibqa' konsultattiv; billi l-Kummissjoni, il-Kunsill, l-Istati Membri u l-parlamenti nazzjonali tagħhom għandhom iqisu r-rwol u jippromwovu l-involviment tal-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi, speċjalment meta l-kompetenzi reġjonali esklużivi jistgħu jiġu affettwati;
- I. billi ħafna mill-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għandhom mandat elettorali reġjonali; billi jista' jsir dibattitu dwar ir-rwol tal-Kumitat tar-Reġjuni biex il-parlamenti reġjonali jitqarrbu lejn il-proċess ta' integrazzjoni ġenerali u biex tissaħħaħ id-demokrazija Ewropea;
- J. billi l-parlamenti nazzjonali u r-rwol tagħhom fi ħdan il-qafas istituzzjonali tal-UE ġew indirizzati minn għadd ta' proposti li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (CoFoE); billi l-esperjenza tal-CoFoE wriet il-potenzjal ta' alleanza produttiva ġdida bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew;
- K. billi l-parlamenti nazzjonali għandhom rwol fi kwalunkwe reviżjoni tat-Trattati Ewropej, b'mod partikolari bl-għan li jissaħħu d-dimensjoni parlamentari u l-ħajja demokratika tal-UE; billi l-Parlament Ewropew, fir-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022, appella għal Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati;
- L. billi sfera pubblika Ewropea tista' titrawwem minn sensiela ta' fora dwar l-aġenda Ewropea u fora bħal dawn jistgħu jiġu approvati permezz ta' "Ġimgħa Ewropea" komuni, li fiha membri tal-kmamar parlamentari nazzjonali u reġjonali jiddiskutu simultanjament l-affarijiet Ewropej mal-Kummissarji, mal-Membri tal-Parlament Ewropew, u mal-ministri mill-presidenza tal-Kunsill attwali; billi l-iżvilupp ta' sfera pubblika Ewropea vera jibbenefika wkoll minn sensibilizzazzjoni akbar fost iċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni u d-djalogu maċ-ċittadini;
- M. billi l-involviment tal-parlamenti nazzjonali fl-affarijiet tal-UE jenħtieġ li jissaħħaħ ukoll f'approċċ tematiku, ibbażat fuq il-kumitat jew *ad hoc*; billi l-format tal-Laqgħat tal-Kumitati Interparlamentari (ICM) jenħtieġ li jiġi rfinat iktar;
- N. billi l-parlamenti nazzjonali juru interess li jkunu involuti aktar mill-qrib fis-sustanza tal-politiki u fil-leġiżlazzjoni tal-UE aktar milli biss fil-qafas tas-sistema ta' twissija bikrija (STB), li tikkonċerna esklussivament is-sussidjarjetà;
- O. billi l-implimentazzjoni tad-dritt tal-parlamenti nazzjonali li jiskrutinizzaw il-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, fuq il-bażi tal-STB, saħħet l-involviment tal-parlamenti nazzjonali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE;
- P. billi l-opinjoni motivati mressqa mill-parlamenti nazzjonali jsaħħu l-proċess leġiżlattiv Ewropew billi jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà; billi l-perjodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 wera li mhuwiex adegwat għall-monitoraġġ f'waqtu tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u għandu jiġi estiż fil-qafas ta' reviżjoni li jmiss tat-Trattat;
- Q. billi l-partiti politiċi Ewropej għandhom rwol kritiku fit-tnaqqis tad-disparità bejn l-UE

u l-parlamenti nazzjonali; billi l-ostakli regolatorji jipprevjenu impenn aktar sinifikanti bejn il-partiti politiċi Ewropej u l-partiti nazzjonali; billi għodod ta' kooperazzjoni innovattivi u iktar b'saħħithom bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew jistgħu jiġu kkunsidrati, inkluż djalogu iktar intensiv fost il-familji u l-gruppi politiċi;

- R. billi r-rapport ta' implimentazzjoni tal-2018 irrakkomanda li l-parlamenti nazzjonali jingħataw il-possibbiltà li jissottomettu proposti kostruttivi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa għad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni;
- S. billi l-CoFoE rrakkomandat li l-parlamenti nazzjonali u l-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi "jingħataw il-possibbiltà li jissuġġerixxu inizjattiva leġiżlattiva fil-livell Ewropew", strument li jagħtihom l-opportunità li jissuġġerixxu proposti kostruttivi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa għad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, wara li l-ewwel ikun inkiseb l-appoġġ tal-Parlament; billi l-għan li jinkiseb dritt sħiħ ta' inizjattiva għall-Parlament Ewropew ġie enfasizzat bosta drabi waqt il-leġiżlatura attwali;
- T. billi fir-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022, il-Parlament appella għall-istabbiliment ta' dritt ġenerali dirett ta' inizjattiva leġiżlattiva għall-Parlament Ewropew; billi, wara l-għoti ta' dan id-dritt, il-proċeduri tal-"karta ħadra" għandhom ikunu diretti lejn il-Parlament;
- U. billi l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' "karta ħamra" ma tistax titqies għodda xierqa u kostruttiva fir-rigward tal-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea;
- V. billi l-IPEX, li hija pjattaforma għall-iskambju kontinwu ta' informazzjoni fost il-parlamenti nazzjonali u bejn il-parlamenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet Ewropej, jeħtieġ li tiġi żviluppata aktar skont l-istrateġija diġitali tagħha; billi l-Parlament Ewropew għandu rwol ewlieni biex ikun ta' appoġġ f'dan;
- W. billi l-parlamenti nazzjonali għandhom kompetenzi rilevanti fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja skont l-Artikoli 70, 85 u 88 tat-TFUE u għandu jkollhom rwol ħafna iktar importanti fil-futur fir-rigward tal-politika tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni billi jibnu wkoll fuq il-Konferenza Interparlamentari (IPC) dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PESK/PSDK) kif stabbilit mill-Artikolu 10 tal-Protokoll Nru 1;

### ***L-iskrutinju tal-attività governattiva fl-affarijiet Ewropej***

1. Iqis li l-implimentazzjoni tad-drittijiet u d-dmirijiet tal-parlamenti nazzjonali li joriġinaw mit-Trattat ta' Liżbona tejbet ir-rwol tagħhom fil-qafas konstituzzjonali Ewropew u għalhekk jiġu ggarantiti aktar pluraliżmu, leġittimità demokratika u l-funzjonament aħjar tal-Unjoni;
2. Huwa tal-fehma li l-obbligu ta' rendikont tal-gvernijiet nazzjonali lejn il-parlamenti nazzjonali kif rikonoxxut mill-Artikolu 10(2) tat-TUE huwa l-qofol tar-rwol tal-kmamar parlamentari nazzjonali fl-Unjoni Ewropea; iqis li l-parlamenti nazzjonali huma sħab fiż-żamma tal-bilanċ istituzzjonali tal-UE; iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali jeżerċitaw bis-sħiħ il-funzjonijiet Ewropej tagħhom sabiex jinfluwenzaw u jiskrutinizaw direttament il-kontenut tal-politiki Ewropej, b'mod partikolari permezz tal-monitoraġġ

- tal-gvernijiet nazzjonali tagħhom li jaġixxu bħala membri tal-Kunsill Ewropew; jistieden lill-membri tal-parlamenti nazzjonali u reġjonali jrawmu kuxjenza Ewropea fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom u jirrikonoxxu l-impatt dirett tal-politiki tal-UE fuq il-kostitwenti tagħhom; ifaħħar l-esperjenza tajba tal-kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew u jqis li l-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew għandhom il-potenzjal li jkunu alleati naturali fit-tiswir ta' dimensjoni parlamentari aktar b'saħħitha tal-UE;
3. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-parlamenti nazzjonali jingħataw biżżejjed żmien, il-kapaċità, ir-riżorsi u l-aċċess meħtieġ għall-informazzjoni sabiex iwettqu r-rwol kostituzzjonali tagħhom ta' skrutinju u b'hekk jilleġittimizzaw l-attività tal-gvernijiet nazzjonali meta dawn il-gvernijiet jaġixxu fil-livell Ewropew; ifakkar fl-importanza tal-aċċess għall-informazzjoni u jirrikonoxxi li l-Kunsill jeħtieġu jadotta s-salvagwardji meħtieġa għas-sigurtà tad-dokumenti filwaqt li jiżgura li l-parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jwettqu skrutinju demokratiku fuq il-gvernijiet rispettivi tagħhom, fost affarijiet oħra permezz tal-aċċess għall-bażi tad-data leġiżlattiva tal-Kunsill, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ ukoll il-kunfidenzjalità;
  4. Iqis li t-trasparenza tal-metodi ta' ħidma u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE tirrappreżenta prekondizzjoni biex il-parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv ir-rwol istituzzjonali tagħhom derivata mit-Trattati; jitlob, għalhekk, li r-rekords tal-votazzjoni tal-Istati Membri fil-Kunsill isiru pubbliċi; jitlob, barra minn hekk, li l-parlamenti nazzjonali jaġhmlu użu sħiħ mill-kompetenzi rispettivi tagħhom, *inter alia* billi jadattaw l-organizzazzjoni interna, l-iskedi u r-regoli ta' proċeduri tagħhom biex ikunu jistgħu jaġhmlu dan; jimpenja ruħu u jħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali u lill-Parlament Ewropew jintroduċu għodod ta' kooperazzjoni iktar innovattivi u b'saħħithom fil-livell politiku u amministrattiv, li jibdedw b'forom iktar intensivi ta' skambju u djalogu fost il-familji u l-gruppi politiċi Ewropej;
  5. Jinkoraġġixxi d-djalogu msaħħaħ bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-parlamenti nazzjonali, u jfakkar li d-deċiżjonijiet iridu jittieħdu skont il-kompetenzi kostituzzjonali, it-Trattati tal-UE u l-*acquis* tal-UE u billi titqies id-delineazzjoni ċara bejn il-kompetenzi rispettivi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-korpi lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej;
  6. Jiddikjara li l-allinjament tas-Semestru Ewropew mal-aġendi tal-parlamenti nazzjonali jista' jkompli jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, filwaqt li jenfasizza li tali allinjament m'għandux jinjora s-setgħat tal-awtogovernanza u r-regoli speċifiċi tal-proċedura ta' kull kamra parlamentari;
  7. Jitlob li l-parlamenti nazzjonali jkollhom rwol aktar b'saħħtu fl-implimentazzjoni ta' perjodu nazzjonali għad-djalogu tal-politika baġitarja u ekonomika, li matulu l-parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jikkooperaw, jiddeliberaw u jikkontribwixxu għas-Semestru Ewropew billi jipprovdu lill-gvernijiet tagħhom b'mandat fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Kummissjoni u l-Kunsill;

### ***L-iżvilupp ta' sfera pubblika Ewropea***

8. Jisħaq fuq ir-rilevanza tal-prinċipju ta' rappreżentanza proporzjonali ta' membri minn partiti politiċi differenti f'dan ir-rigward; jirakkomanda, għalhekk, li d-delegazzjonijiet parlamentari nazzjonali li jaġixxu quddiem l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jirriflettu d-diversità politika;

9. Jinnota l-fatt li r-rieda vinkolanti tal-maġġoranzi parlamentari tista' tiġi espressa fl-opinjonijiet maħruġa mill-parlamenti nazzjonali, fi ħdan jew barra l-qafas tal-STB; japprova l-idea, madankollu, li minoranzi politiċi parlamentari nazzjonali jingħataw il-possibbiltà li jesprimu opinjonijiet fejn huma ma jaqblux, li mbagħad jistgħu jiġu inkorporati fl-annessi għal opinjonijiet bħal dawn;
10. Jemmen li l-interazzjoni mal-parlamenti nazzjonali tista' tiġi msaħħa b'mod indirett billi tingħata s-setgħa lill-partiti politiċi Ewropej; itenni s-sejħa fit-tul tiegħu biex dawn il-partiti jkunu jistgħu jimpenjaw ruħhom fl-isferi politiċi tal-Istati Membri u jappoġġjaw il-partiti membri tagħhom meta jkunu involuti kwistjonijiet tal-UE; jappella għall-konklużjoni rapida tar-riformazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej<sup>18</sup> biex il-partiti politiċi Ewropej ikunu jistgħu jappoġġjaw il-partiti membri tagħhom fil-kampanji għall-elezzjonijiet Ewropej u l-kampanji referendarji dwar kwistjonijiet tal-UE;
11. Jemmen li t-twaqqif ta' Ġimgħa Ewropea annwali tippermetti lill-Membri tal-Parlament Ewropew, lill-Kummissarji u lill-ministri tal-presidenzi tal-Kunsill attwali biex joħorġu quddiem il-parlamenti nazzjonali u, fejn xieraq, reġjonali kollha sabiex jiddiskutu u jispjegaw l-aġenda Ewropea flimkien ma' daww il-parlamentari nazzjonali; jissuġġerixxi li tinbeda diskussjoni dwar l-abbozzar ta' dikjarazzjoni politika komuni jew ta' qafas ta' ftehim bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew, jiġifieri dwar l-organizzazzjoni tal-Ġimgħa Ewropea proposta, sabiex jiġi pprovdut qafas iktar koerenti ta' kooperazzjoni fil-livell politiku, istituzzjonali u amministrattiv; iqis li l-Ġimgħa Ewropea proposta għandha tislet tagħlimiet minn fora attwali u preċedenti, bħall-ġimgħa parlamentari organizzata mill-Konferenza tas-Semestru Ewropew u l-IPC dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-CoFoE; jemmen, barra minn hekk, li laqgħat u l-caucuses tal-familji politiċi bejn u fi ħdan il-gruppi politiċi nazzjonali u Ewropej fil-qafas tal-kooperazzjoni interparlamentari tal-UE jistgħu jgħibu valur miżjud fil-forma ta' dibattitu politiku Ewropew awtentiku;
12. Iqis li involviment iktar b'saħħtu tal-parlamenti nazzjonali mill-pajjiżi kandidati huwa għodda essenzjali sabiex l-istrateġija ta' tkabbir tal-UE tirnexxi; jissuġġerixxi l-involviment tar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali mill-pajjiżi kandidati fil-Ġimgħa Ewropea proposta;

### ***Appoġġ għar-riforma tas-Sistema ta' Twissija Bikrija***

13. Jenfasizza li l-aktar prerogattiva sostanzjali għall-parlamenti nazzjonali li għab miegħu t-Trattat ta' Liżbona kienet il-kapaċità ta' skrutinju tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-istadji bikrija tal-proċeduri leġiżlattivi tal-UE;
14. Jinnota li proċeduri bħall-karti "sofor" jew "oranġjo" ma ntużawx b'mod estensiv; jissuġġerixxi li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE u l-Istati Membri jaqblu dwar il-fehim komuni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità oriġinarjament meħmuż mat-Trattat ta' Amsterdam, il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u l-prattika tal-Kummissjoni stess; iqis li l-iżvilupp ta' dan il-fehim komuni għandu jinkludi l-elementi kollha tas-sussidjarjetà u jista' jitrawwem permezz ta' għodod ġodda ta'

---

<sup>18</sup> ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1.



kooperazzjoni;

15. Jirrikonoxxi t-talba tal-parlamenti nazzjonali biex jestendu l-perjodu ta' tmien ġimgħat li matulu jistgħu joħorġu opinjonijiet motivati skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 1; jenfasizza, madankollu, li l-qafas attwali tat-Trattat ma jipprevedix tali estensjoni; jinnota li, bħala miżura ta' mitigazzjoni, mill-2019, il-Kummissjoni bdiet teskludi l-perjodu tal-festi tal-aħħar tas-sena meta stabbiliet il-perjodu ta' tmien ġimgħat biex il-parlamenti nazzjonali jibagħtu opinjonijiet motivati; jemmen, għalhekk, li l-introduzzjoni ta' perjodu ta' tnax-il ġimgħa għandha tiġi kkunsidrata fil-qafas ta' revizzjoni li jmiss tat-Trattat;
16. Jistieden lill-parlamenti nazzjonali jinkludu l-opinjonijiet motivati tal-parlamenti reġjonali b' setgħat leġiżlattivi fl-opinjonijiet motivati finali tagħhom li jintbagħtu lill-Presidenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni meta jkunu affettwati kompetenzi esklużivi reġjonali;
17. Jissuġġerixxi li titwaqqaf sistema, xi drabi msejħa proċedura ta' "karta ħadra", li biha tal-anqas terz tal-parlamenti nazzjonali ikun jista' jitlob lill-Kummissjoni jew lill-Parlament Ewropew, ladarba dan tal-aħħar ikun ingħata dritt dirett ġenerali ta' inizjattiva, iressqu proposta bil-għan li jinfluwenzaw b' mod pożittiv id-dibattitu Ewropew; jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni jew il-Parlament Ewropew jistgħu jgawdu d-diskrezzjoni jew li jaċċettaw tali proposti jew li joħorġu tweġiba formali li tissottolinja r-raġunijiet tagħha biex ma tagħmilx dan; jirrimarka li tali proċedura ma tistax tikkonsisti fi dritt ta' inizjattiva jew id-dritt li tiġi rtirata jew emendata leġiżlazzjoni peress li dan ifixkel il-"metodu tal-Unjoni" u d-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn il-livell nazzjonali u dak Ewropew, u b'hekk ma jirrispettax it-Trattati;

#### ***L-implimentazzjoni tad-dritt għall-informazzjoni***

18. Jafferma mill-ġdid li l-Artikolu 12 tat-TUE u l-Protokoll Nru 1 jagħtu lill-parlamenti nazzjonali d-dritt li jirċievu informazzjoni direttament mill-istituzzjonijiet Ewropej; jissuġġerixxi li d-dritt għall-informazzjoni jiġi estiż ukoll għall-parlamenti reġjonali b' setgħat leġiżlattivi;
19. Jirrakkomanda li l-parlamenti nazzjonali jużaw il-pjattaforma IPEX fil-mument opportun biex jiżguraw bidu bikri tal-mekkaniżmu ta' skrutinju nazzjonali; jirrakkomanda l-użu tal-IPEX bħala mezz għall-kondiviżjoni sistematika tal-informazzjoni u l-immarkar bikri tat-tħassib dwar is-sussidjarjetà; jilqa' l-verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida tal-IPEX, approvati fil-laqgħa tas-Segretarji Ġenerali fi Frar 2023, li tirrifletti l-verżjoni l-ġdida tal-pjattaforma IPEX u l-opportunitajiet u l-għodod offruti minn din il-verżjoni l-ġdida;

#### ***Il-viżwalizzazzjoni ta' kooperazzjoni interistituzzjonali aħjar***

20. Jieħu nota tal-kooperazzjoni attwali bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fil-COSAC, fl-IPC dwar il-PESKu fil-qafas tal-Artikolu 13 tat-TSKG; jieħu nota, barra minn hekk, ta' forom aktar reċenti ta' kooperazzjoni interparlamentari bħall-Grupp Konġunt ta' Skrutinju Parlamentari dwar l-Europol u l-ICM dwar l-Evalwazzjoni tal-Eurojust; jisħaq fuq il-fatt li t-tali kooperazzjoni għandha tiġi żviluppata fuq il-bażi tal-prinċipji ta' kunsens, kondiviżjoni ta' informazzjoni u konsultazzjoni sabiex il-

parlamenti nazzjonali jeżerċitaw skrutinju fuq il-gvernijiet u l-amministrazzjonijiet rispettivi tagħhom;

21. Itenni li l-qafas attwali tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-parlamenti nazzjonali jista' jiġi ssimplifikat u armonizzat sabiex isir aktar effiċjenti u effettiv; jitlob, f'dan il-kuntest, reviżjoni tal-impenn bejn l-Unjoni u l-parlamenti nazzjonali tagħha fil-pjattaformi u l-fora eżistenti, bil-għan li dawn ir-relazzjonijiet jissaħħu u jiġu adattati għall-ħtiġijiet attwali; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi biex ikollhom involviment iktar attiv u interazzjoni diretta bejniethom, filwaqt bli jirrispettaw ir-rwol u l-kompetenzi tal-parlamenti nazzjonali;
  22. Jirrimarka li t-tiżiħ tad-djalogu politiku u tekniku bejn il-kumitati parlamentari, kif ukoll il-gruppi politiċi, kemm fil-livell nazzjonali u kif ukoll f'dak Ewropew, ikun pass produttiv ħafna lejn kooperazzjoni interparlamentari sħiħa; jissuġġerixxi, għal dan l-għan, li titqajjem aktar sensibilizzazzjoni fil-livell nazzjonali dwar l-għodod possibbli ta' kooperazzjoni; jipproponi, għalhekk, l-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali biex dan l-għan jintlaħaq, fost affarijiet oħra, biex jiġu ffinanzjati l-użu ta' konferenzi bil-video, skambji tal-persunal jew proġetti pilota;
  23. Jirrikonoxxi r-rilevanza tal-ICMs stabbiliti fl-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll Nru 1 u s-suċċess settorjali ta' "metodu ta' kumitat" fil-kooperazzjoni interparlamentari; jemmen li tista' tinkiseb kooperazzjoni interistituzzjonali aħjar jekk l-ICM tingħata aktar rilevanza mill-Membri tal-Parlament Ewropew u mill-parlamenti nazzjonali u jekk ikunu ppreparati għal kooperazzjoni aktar mill-qrib; iqis li r-regoli ta' proċedura jistgħu jinbidlu sabiex jirregolaw forom aktar b'saħħithom ta' kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi istituzzjonali tagħhom u d-distribuzzjoni tagħhom;
  24. Jirrakkomanda li l-parlamenti nazzjonali jkunu involuti bis-sħiħ fl-iżvilupp kontinwu tal-PSDK; jemmen li tali involviment għandu jiġi promoss f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, bi qbil mal-Artikolu 10 tal-Protokoll Nru 1 u b'rispett sħiħ għad-dispożizzjonijiet tal-kostituzzjonijiet nazzjonali fir-rigward tal-politiki ta' sigurtà u difiża; jistieden lill-parlamenti nazzjonali jirriflettu f'aktar dettall dwar il-prijoritizzazzjoni tal-kapaċità tad-difiża fil-livell tal-UE, inkluż permezz ta' laqgħat interparlamentari konġunti bejn rappreżentanti mill-parlamenti nazzjonali u Membri tal-Parlament Ewropew, fil-kuntest tal-IPC dwar il-PESK/PSDK u permezz ta' djalogu politiku;
  25. Ifakkar l-importanza li jissaħħu l-kooperazzjoni u d-djalogu bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew dwar id-dritt ta' inkjesta;
- o
- o   o
26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.



**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.12.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 17 -: 1 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gerolf Annemans, Damian Boeselager, Włodzimierz Cimoszewicz, Salvatore De Meo, Charles Goerens, Sandro Gozi, Max Orville, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Guy Verhofstadt, Rainer Wieland
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mercedes Bresso, Christian Doleschal, Pascal Durand, Maite Pagazaurtundúa
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Javier Zarzalejos

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

17	+
PPE	Salvatore De Meo, Christian Doleschal, Sven Simon, Rainer Wieland, Javier Zarzalejos
Renew	Sandro Gozi, Max Orville, Maite Pagazaurtundúa, Guy Verhofstadt
S&D	Gabriele Bischoff, Mercedes Bresso, Włodzimierz Cimoszewicz, Pascal Durand, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira
The Left	Helmut Scholz
Verts/ALE	Damian Boeselager

1	-
ECR	Jacek Saryusz-Wolski

2	0
ID	Gerolf Annemans, Antonio Maria Rinaldi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni